## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Avviż Nru: 234/2022 LC

**ELECTRICAL SUPPLIES & SERVICES LIMITED**
(C-27813)

*vs*

**ANDRE HILI**
(K.I. 449993M)

**Illum, 10 ta’ Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-avviż tas-soċjetà rikorrenti datat l-20 ta’ Ottubru 2022 fejn qed titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta’ sitt elef, mija u tlieta u sebgħin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€6,173.13) rappreżentanti ammont dovut minnu fir-rigward ta’ merkanzija u oġġetti oħra mibjugħa u suppliti mis-soċjetà attriċi.

Bl-imgħax u l-ispejjeż inkluż dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Nru 2257/22 kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subbizzjoni.

Rat illi l-konvenut ġie notifikat bl-avviż odjern fis-16 ta’ Novembru 2022 u minkejja dan huwa ma ppreżenta ebda risposta sabiex jilqa’ għat-talba tar-rikorrenti;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023 is-soċjetà rikorrenti għalqet il-provi tagħha;

Rat illi minkejja li s-seduta tal-20 ta' Ottubru 2023 kienet imħollija għall-provi tal-intimat, l-intimat imsejjaħ diversi drabi baqa' ma deherx;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023, ir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Domenic Mifsud xehed bil-ġurament tiegħu fejn qal illi l-konvenut għadu debitur tagħha fis-somma ta' €6,173.13 u li  dan l-ammont għadu dovut sad-data tal-lum. Qal li dan huwa l-bilanċ ta' materjal provdut lilu u li ma jinkludi ebda imgħax jew spejjeż. Hu kkonferma bil-ġurament tiegħu il-prospett anness mal-Avviż promotur u mmarkat bħala Dok "DM".

Illi mill-provi miġjuba il-Qorti ssib illi t-talba tar-rikorrenti ġiet suffiċjentement ipprovata.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-imgħax, is-soċjetà rikorrenti naqset li tipprova li r-raġuni tal-obligazzjoni hija waħda kummerċjali u lanqas ma titlob imgħax kummerċjali. F'dan id-dawl, il-Qorti tqis l-obligazzjoni odjerna bħala li ma tikkostitwixxix obligazzjoni ta' xorta kummerċjali u b'hekk huwa l-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa applikabbli. Dan l-Artikolu jistopla li "*F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-*

*ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni."*

Illi, mill-atti odjerni jirriżulta li l-ewwel sejħa b'att ġudizzjarju saret fl-20 ta' Ottubru 2022, ossija bl-avviż promotur.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Andre Hili jħallas lis-soċjetà rikorrenti Electrical Supplies & Services Limited is-somma ta' sitt elef, mija u tlieta u sebgħin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€6,173.13) u bl-imgħax legali b'effett mill-20 ta' Ottubru 2022, ċioè d-data tal-preżentata tal-avviż odjern, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2257/2022 jkunu a karigu esklussiv tal-konvenut.

Ft.Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur**